MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 15/2004

**App Nru 15/04**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Deguara**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Deguara talli fit-13 ta’ Jannar, 2003 ghall-habta tat-8.15 f’ Paola **(1)** Waqt li kien jahdem ta’ bus driver bl-imsemmija bus tar-rotta wera nuqqas ta’ rispett lejn il-passiggieri **(2)** Kif ukoll qal kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Novembru, 2003 li

permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Deguara mhux hati u lliberatu mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija ta' l-istess appellat f'dawn l-imputazzjonijiet, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza u decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' Dr. Stephen Tonna Lowell ghall-appellant Avukat Generali u Dr. Kenneth Grima ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tikkunsidra l-mertu ta' dan l-appell intavolat mill-Avukat Generali, trid tigi kkunsidrata l-eccezzjoni sollevata minn Dr. Kenneth Grima ghall-appellat fis-sens li l-appell li sar mill-Avukat Generali ma segwiex il-procedura elenkata *ad validitatem* mill-artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali fis-sens li t-tlett ijiem utili li matulhom il-process kellu jghaddi minn idejn l-ewwel Qorti ghal idejn l-Avukat Generali ma gewx segwiti u z-zmien fil-fatt kien ta' ftit anqas minn xahrejn. Ghalhekk dan ghandu jwassal ghan-nullita` tal-proceduri.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 414 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment hekk:

**"Meta l-kawza titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li taghti s-sentenza ghandha, fuq talba bil-miktub, maghmula lilha mill-Pulizija … mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza, tibghat lill-Avukat Generali, bil-mezz tar-registratur, fi zmien tlitt ijiem tax-xoghol minn dak in-nhar tat-talba, kopja tas-**

**sentenza flimkien ma' l-atti tal-kawza u max-xiehda, jekk din tkun tnizzlet bil-miktub".**

Fil-kaz in ezami, is-sentenza appellata nghatat fil-21 ta' Novembru 2003 u n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn gharraf li kien bi hsiebu jappella minn dik is-sentenza giet ipprezentata fl-24 ta' Novembru 2003. Ir-rikors ta' appell gie pprezentat fis-26 ta' Jannar 2004, u f'dan ir-rikors l-Avukat Generali ddikjara - u dan mhuwiex kontestat - li kien ircieva l-atti tal-kawza fil-21 ta' Jannar 2004. Dan ifisser li l-atti waslu ghand l-Avukat Generali xahrejn wara li kienet inghatat is-sentenza.

Filwaqt li din il-Qorti tqis tali dewmien bhala deplorevoli u tittama li nuqqas simili ma jirrepetix ruhu, l-appellat xorta m'ghandux ragun fl-eccezzjoni minnu sollevata. Difatti din il-kwistjoni diga` giet sollevata u deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta diversi drabi. L-ewwel darba li jidher li giet investigata din il-kwistjoni kien fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles sive Carmelo Spiteri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Marzu 1983. Fuq l-iskorta ta' dik is-sentenza, din il-Qorti tara li ma hemm ebda nullita` f'dan il-kaz. F'dik is-sentenza gie ritenut li, purche` li l-Pulizija jipprezentaw in-nota fiz-zmien moghti lilhom u purche` li l-Avukat Generali jipprezenta r-rikors fi zmien tmint ijiem utili (tnax-il jum utili fil-kaz ta' appelli minn Ghawdex) minn dak inhar li hu jircievi l-atti, l-istess Avukat Generali m'ghandux jigi penalizzat minhabba li r-Registratur, li ma huwiex parti fil-kawza, ma jkunx osserva t-termini imposti fuqu bil-ligi.[1]

Fil-kaz in ezami, il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta n-nota tieghu entru t-terminu ta' erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza, filwaqt li l-Avukat Generali pprezenta r-rikors ta' appell entru t-terminu ta' tmint ijiem tax-xoghol minn dak inhar li rcieva l-atti.

Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellat hi michuda.

[1] Ara wkoll fl-istess sens: App. Krim. **Il-Pulizija vs Robert Pace**, 15 ta' Dicembru 1999; App. Krim. **Il-Pulizija vs Mario Camilleri**, 27 ta' Ottubru 2000; App. Krim. **Il-Pulizija vs Natasha Mohnani**, 6 ta' Gunju 2002.

Din il-Qorti issa se tikkunsidra l-aggravju mqajjem mill-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu. Hemm ighid li l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu minhabba nuqqas ta' dehra tax-xhud kwerelanti Bianca Grima, u dan minkejja li giet esibita riferta pozittiva fil-konfront taghha.

Dr. Kenneth Grima ghall-appellat, b'riferenza ghal dan l-aggravju, issottometta li mill-atti tal-kawza ma jirrizultax li saret xi talba da parti tal-prosekuzzjoni sabiex ix-xhud ingunta tittella' fis-seduta li tmiss b'mandat ta' akkompanjament jew xort'ohra, u allura la ma saret ebda talba ma kien hemm ebda cahda da parti tal-Qorti. Qal ukoll li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma setghetx tistitwixxi l-appell odjern stante li ma gietx segwita l-procedura fl-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodici Kriminali. Irrileva ulterjorment li l-ewwel Qorti kellha diskrezzjoni tara ghandux jinstema' x-xhud tal-prosekuzzjoni jew le, u dan kif jidher fl-artikoli 441(4), 441(5), 441(6) u fil-kaz odjern ghazlet li tuza d-diskrezzjoni taghha li dan ix-xhud ma jittellax.

Ghall-ahjar istruzzjoni ta' dan l-appell huwa opportun li jigi riprodott il-verbal ta' l-ewwel Qorti tal-21 ta' Novembru 2003. Dan il-verbal ighid hekk:

"Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat assistit minn Dr Christian Grima.

Deher l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Stephen Micallef.

Giet moqrija l-akkuza u l-imputat wiegeb li mhux hati.

Xehed SEN 04.

Inghatat is-sentenza. Il-kawza giet deciza."

Mill-komparixxi jirrizulta li x-xhieda li kellhom jigu ingunti kienu tlieta: SEO 04 (mhux SEN 04 kif indikat fil-verbal), Bianca Grima u Svetlana Cesare. Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2003 jidher li deher biss u xehed SEO 04. Fir-

rigward ta' Bianca Grima pero`, il-prosekuzzjoni esibiet ir-riferta tan-notifika taghha mnejn jirrizulta li din ix-xhud giet notifikata personalment ("Tajtha lilha stess"). Din ir-riferta, li dwarha ma gie verbalizzat xejn, tinsab a fol. 2 tal-process. Nonostante li l-imsemmija riferta kienet pozittiva, l-ewwel Qorti ma hadet l-ebda provvediment kontra l-imsemmija xhud u minflok ghaddiet minnufih ghas-sentenza. L-Avukat Generali jsostni li din ix-xhud kienet xhud indispensabbli ghall-prosekuzzjoni, li l-prosekuzzjoni ma kinitx irrinuzjat ghaliha u li l-ezitu ta' kawza m'ghandhiex tiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le.

Jigi rilevat l-ewwelnett li din il-kawza giet istitwita bhala kawza tal-Pulizija u mhux bhala kawza privata - kif jidher car mill-komparixxi - u kienet ukoll giet prosegwita mill-Pulizija *ex officio* u mhux mill-parti offiza, kif jirrizulta mill-*occhio* tal-verbal fuq imsemmi u anke tas-sentenza ("Il-Pulizija vs Joseph Deguara" u mhux "Bianca Grima vs Joseph Deguara"). Konsegwentement kienu applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 375 tal-Kodici Kriminali u mhux dawk ta' l-artikolu 374.

Issa filwaqt li din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qorti inferjuri tista' xi mindaqqiet tinsab fiha, cioe` li ma tkunx tista' tipprocedi biex tisma' kawza ghax xhud jew xhieda ma jidhirx jew ma jidhrux, dan ma jiggustifikax lil dik il-Qorti li tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli u taqbad u tghaddi ghas-sentenza. Bhalma din il-Qorti diversament presjeduta kellha l-opportunita` li tfisser fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Schembri** moghtija fit-8 ta' Jannar 1996, *"meta xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem l-ewwel qorti, jonqos milli hekk jidher, dik il-qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghal ammenda u, kemm-il darba l-prosekuzzjoni (pulizija ezekuttiva jew parti offiza ossia kwerelant, skond il-kaz) ma tirrinunzjax espressament ghal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-qorti ma tkunx tal-fehma li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, il-qorti ghandha wkoll tordna li dak ix-xhud jingieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat*

*ta' arrest (Art. 441(4) u 525(1)(a) tal-Kap 9). Dan necessarjament jimplika li l-qorti ghandha tiddifferixxi l-kawza. Altrimenti l-kawzi, u l-ezitu taghhom, jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le! Anqas ma hu argument validu dak li jigi spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri u cioe` li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-qorti ghandha tibqa' ghaddejja u, kif spiss jigri u kif gara f'dan il-kaz, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet - il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-Art. 373, l-offiz/kwerelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu tal-kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-deposizzjoni tieghu"* .[2] Fil-kaz in ezami l-partijiet kienu l-Pulizija Ezekuttiva u Joseph Deguara. Kellha kemm kellha interess Bianca Grima, hija kienet semplicement xhud tal-prosekuzzjoni.

F'sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Mifsud** moghtija fis-6 ta' Ottubru 1998, intqal ukoll li *"huwa biss meta l-prosekuzzjoni ma tkunx f'posizzjoni li tinforma lill-Qorti dwar ir-riferta u tonqos mill-obbligi taghha imposti mil-ligi li tesibixxi riferta posittiva u valida ta' xhud, li allura, f'tali cirkostanzi dan in-nuqqas bla dubbju ta' xejn ghandu jmur a favur l-akkuzat li jkollu d-dritt li jitlob li l-proceduri jitkomplew u ma jigux imhollija ghal data ohra"*.[3]

Huwa minnu li fil-kaz in ezami ma giet verbalizzata l-ebda oppozizzjoni da parti tal-prosekuzzjoni li l-kawza tinqata' minghajr is-smiegh ta' xhieda ohrajn, u anqas ma giet verbalizzata xi talba ghal differiment. Certament kien ikun ahjar u aktar prudenti li kieku giet registrata formalment talba ghal differiment. Izda l-fatt li l-prosekuzzjoni pprezentat ir-riferta u ma rrinunzjatx ghax-xiehda ta'

[2] Ara fost ohrajn: App. Krim. **Il-Pulizija vs Francis Theuma**, 9 ta' Lulju 1992 - Vol. LXXVI.v.815; App. Krim. **Il-Pulizija vs Domenico Savio Spiteri**, 5 ta' Jannar 1996; App. Krim. **Il-Pulizija vs Monica Schranz**, 21 ta' Frar 1997 - Vol. LXXXI.iv.131; App. Krim. **Il-Pulizija vs Margaret Urry**, 17 ta' April 2001.

[3] Ara fost ohrajn: App. Krim. **Il-Pulizija vs Joseph Abdilla et**, 3 ta' Dicembru 1993 - Vol. LXXVII.v.446; App. Krim. **Il-Pulizija vs Joseph Dougall**, 9 ta' Mejju 1997 - Vol. LXXXI.iv.161; App. Krim. **Il-Pulizija vs Peter Ferdinans k/a Pierre Sammut** 23 ta' Settembru 2002.

Bianca Grima kienu indikazzjoni cara li hija riedet li dik ix-xhud tinstema'. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tipprovdi skond il-ligi biex tassigura l-attendenza ta' l-imsemmija xhud u mhux tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Id-difensur ta' l-appellat jargumenta li l-ewwel Qorti kellha diskrezzjoni tinstemax ix-xhud in kwistjoni a bazi ta' dak dispost fis-subartikoli (4), (5) u (6) ta' l-artikolu 441 tal-Kodici Kriminali. Dan l-argument huwa wiehed zbaljat. Jekk wiehed jara l-imsemmijin subartikoli, malajr wiehed jinduna li huma ntizi biex jassiguraw l-attendenza tax-xhieda, u d-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti skond is-subartikolu (6) ma tawtorizzahiex li timpedixxi lill-Pulizija jew, skond il-kaz, lill-kwerelant, milli jgibu prova indispensabbli biex isahhu l-akkuza.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali ghar-revoka tas-sentenza appellata, u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, se tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------